# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF : ONOR. GINO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tat-22 ta' Gunju 2001**

**Citazzjoni numru 1718/99 GC**

**Garment Finishing Company Limited**

**-vs-**

**Galaxy Holidays Resorts Company Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta' attrici ppremettiet:-

Illi s-socjeta' attrici pprovdiet servizzi ta' "laundry" u "dry cleaning" u servizzi ohra relatati lis-socjeta' konvenuta, ghal liema servizzi l-istess socjeta' ghad fadlilha thallas il-bilanc ta' hamest elef tlett mija u tnejn u tmenin liri maltin (Lm5,382) liema somma ghadha dovuta sallum, kif jirrizulta minn prospett hawn anness u mmarkat Dok "A";

Illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata diversi drabi, inkluzi permezz ta' ittra ufficjali datata 21 ta' Jannar, 1999 izda xorta baqghet inadempjenti;

Illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut, u jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur tal-Artikolu 167-170 tal-Kodici tal-Procedura Civili, u l-istanti qed jannetti ma' dan l-att affidavit markat Dok "B" a tenur tal-istess artikoli tal-Kodici tal-Procedura Civili;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li s-socjeta konvenuta tghid ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, m'ghandhiex din il-Qorti:

1) tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti, b'dispensa ghas-smigh tal-kawza ai termini tal-artikolu 167-170 tal-Kodici tal-Procedura Civili;

2) tikkundannaha thallas is-somma ta' Lm5,382 rapprezentanti l-bilanc ta' prezz ta' servizz ta' "laundry" u "dry cleaning" u servizzi ohra relatati;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 21 ta' Jannar, 1997 u tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 1675/97 FDP, bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sal-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici debitament konfermata bil-gurament;

Rat in-nota tas-socjeta konvenuta a termini tal-Artikolu 170(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn gie eccepit:

1. Preliminarjament illi t-talbiet attrici huma preskritti a tenur tal-Artikolu 2148 (a) tal-Kodici Civili;

2. Illi fil-meritu u bla pregiduzzju ghall-ewwel eccezjoni, t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta' konvenuta ma ghandha taghti assolutament xejn lis-socjeta' attrici u ghalhekk it-talbiet taghha ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni;

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Marzu 2001;

Rat in-nota ta' referenzi tas-socjeta konvenuta;

Rat in-nota responsiva tas-socjeta attrici;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta' attrici tippretendi li ghad ghandha tiehu minnghand is-socjeta konvenuta is-somma ta' hamest elef tlett mija u tnejn u tmenin liri maltin (Lm5,382) bilanc ta' somma akbar prezz ta' servizzi ta' "laundry" u "dry cleaning" u servizzi ohra relatati provduti fuq ordni u fl-interess tas-socjeta' konvenuta. Ghalhekk is-socjeta attrici qed titlob li s-socjeta konvenuta tigi kundannata thallas l-imsemmija somma;

Preliminarjament is-socjeta konvenuta qed teccepixxi li t-talbiet attrici huma preskritti a tenur tal-artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili;

Bil-presenti qed tigi deciza din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni;

L-imsemmi artikolu 2148(a) jipprovdi, fost affarijiet ohra, li l-azzjonijiet ta' persuni li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz tax-xogholijiet taghhom, jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' tmintax (18) il-xahar;

Is-socjeta attrici ssostni li hawnhekk si tratta ta' obbligazzjoni kummercjali u ghalhekk, ghal finijiet tal-preskrizzjoni, huma semmai applikabbli l-provedimenti tal-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili li jipprovdu li tali azzjoni hi preskritta bl-eghluq ta' hames (5) snin. Ghalhekk skond is-socjeta attrici l-imsemmija provedimenti tal-artikolu 2148(a) invokati mill-konvenuti mhux applikabbli;

Is-servizzi li gew allegatament provduti mis-socjeta attrici a favur tas-socjeta konvenuta u cioe' servizzi ta' "dry cleaning" u "laundry" u servizzi ohra relatati jaqghu fl-ambitu tal-imsemmi artikolu 2148(a) u ghalhekk din l-azzjoni, skond l-istess provedimenti, taqa' bl-eghluq ta' tmintax (18) il-xahar;

Mill-provi prodotti ma jirrizultax b'mod definittiv meta s-socjeta attrici allegatament ipprovdiet is-servizzi in kwestjoni. Jidher, mid-dokumenti esibiti u minn provi ohra, li dawn is-servizzi gew provduti qabel is-sena 1995. Dawn il-proceduri gew presentati f'Lulju tal-1999 u ghalhekk ferm wara li skada l-imsemmi terminu ta' tmintax (18) il-xahar. Ma saret l-ebda prova dwar interruzzjoni tal-imsemmi perjodu tal-preskrizzjoni jew dwar xi ammissjoni da parti tas-socjeta konvenuta;

Fid-dawl ta' dan kollu l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif sollevata mis-socjeta konvenuta ghandha tigi akkolta;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni billi tilqa l-istess eccezzjoni u ghalhekk tiddikjara li din l-azzjoni hi preskritta ai termini tal-provedimenti tal-artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili. Konsegwentement tichad it-talbiet kollha attrici;

Spejjez kontra s-socjeta attrici.